Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,736, 21 ta' April, 2011

Taqsima B

A.L. 146 tal-2011

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Mediation taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tal-Liġi bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2011 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Postgraduate Diploma in Mediation taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Fakultà tal-Liġi;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-Postgraduate Diploma in Mediation; u

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Mediation.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew fi Frar 2011 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. (1) Il-Kors ikun miftuħ għall-applikanti li għandhom waħda minn dawn il-kwalifiki:

(a) grad ta' Bachelor għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew grad ogħla f'wieħed minn dawn l-oqsma: il-*Counselling*, l-*ICT*, l-Ippjanar u l-Ambjent, il-Kriminoloġija, ix-Xogħol Soċjali, is-*Social Work*, is-Soċjoloġija, l-Istudji Soċjali, jew il-*Youth and Community Studies*; jew

(b) grad ta' Bachelor għall-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew grad ogħla minn din l-Università jew università oħra f'qasam li hu meqjus bħala komparabbli jew rilevanti mill-Bord tal-Istudji.

(2) L-applikanti kollha jkunu meħtieġa juru li huma għandhom il-kapaċità u d-dispożizzjoni meħtieġa biex isegwu l-Kors bi profitt permezz ta' intervista.

(3) Is-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord għandu jiddetermina l-għadd ta' applikanti li jistgħu jirreġistraw għall-Kors, skont ir-riżorsi disponibbli. L-għadd ta' postijiet disponibbli għandu jkun imħabbar fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(4) Meta n-numru jkun limitat u l-għadd ta' applikanti eliġibbli jaqbeż in-numru ta' postijiet disponibbli, l-applikanti jkunu magħżula skont dawn il-kriterji li ġejjin, li jkunu mwieżna kif ġej:

(a) it-tip u l-klassifikazzjoni tal-grad – 30 %;
(b) l-esperjenza ta' xogħol fil-qasam tal-istudju propost – 30%;
(ċ) il-kompetenza u d-disposizzjoni professjonali – 30%; u
(d) il-ħiliet ta' komunikazzjoni espressi bil-lingwi tal-Ingliż u tal-Malti – 10%.

(5) Il-bord tal-intervisti maħtur mill-Bord għandu jkun magħmul mill-anqas minn tliet membri.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati total ta' 60 krettu.

(2) Il-programm ta' studju għandu jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sal-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) Dawk l-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 10 kretti jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni tal-eżamijiet supplimentari.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kretti permess skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kretti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student fil-Kors għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Postgraduate Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.